AWTORITÀ GHAS-SAHHA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGHOL
17, Triq Edgar Ferro, Pietà PTA 1533 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • http://www.ohsa.org.mt
VAT No: MT 1664-1504

OCCUPATIONAL HEALTH & SAFETY AUTHORITY
17, Edgar Ferro Street, Pietà PTA 1533 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • http://www.ohsa.org.mt
VAT No: MT 1664-1504

# Gwida dwar il-Coronavirus (2019-nCoV) u l-Postijiet tax-Xogħol

Fil-ġimgħat li għaddew twasslet ħafna informazzjoni dwar il-corona virus (novel coronavirus (2019-nCoV). Waqt li parti mill-informazzjoni toriġina minn sorsi validi u li ta' min jorbot fuqhom, qed tixxerred ukoll ħafna informazzjoni żbaljata.

L-OHSA qegħda tirċievi ħafna talbiet għall-informazzjoni dwar il-miżuri li jridu jittieħdu fil-postijiet tax-xogħol. B'konsultazzjoni mad-Diviżjoni tas-Saħħa, li hi meqjusa bħala l-awtorità kompetenti fuq mard infettiv u sitwazzjonijiet li jkollhom effett fuq is-saħħa pubblika, l-OHSA tixtieq tenfasiżża li l-miżuri li jridu jittieħdu fil-postijiet tax-xogħol għandhom ikunu l-istess bħal dawk li jittieħdu ta' kull sena minħabba l-influenza, u li normalment tkun prevalenti ħafna f'dawn iż-żminijiet tas-sena. Mhuwiex indikat li jittieħdu miżuri differenti, u jew addizzjonali.

1. Kull persuna f'kull post tax-xogħol għandha tgħatti ħalqha u mneħirha meta tagħtas jew tisgħol, u preferibbilment tuża tissue paper li tintrema wara l-użu.
2. Għandu jkun hemm ħasil sew u ta' spiss tal-idejn bl-ilma u s-sapun jew jintużaw "alcohol wipes".
3. Għandu jkun evitat kuntatt tal-idejn mal-ħalq, mal-imnieħer jew mal-għajnejn.
4. Għandu jkun evitat li persuna toqgħod viċin hafna ta' persuni oħra, speċjalment jekk ikollhom sintomi ta' riħ.
5. Għandu jkun żgurat li l-kmamar użati mill-ħaddiema, u, jew fejn jiltaqgħu ma' viżitaturi ikollhom ventilazzjoni adekwata.
6. Min ikun qed ibati mis-sintomi tal-influenza għandu jibqa d-dar sakemm ifieq u għandu jieħu l-mediċini suġġeriti lilu mit-tabib tiegħu.

Irid jiġi enfasiżżat li m'huwiex indikat l-użu ta' face masks li jgħattu l-ħalq u l-imnieħer.

Għall-aħħar tagħrif maħrug mid-Dipartiment tas-Sahha rigward novel coronavirus (2019-nCoV) żur is-sit elettroniku: https://deputyprimeminister.gov.mt/…/Pages/pressreleases201…

**Ivverifika s-sors tal-informazzjoni u tixxerjax posts li ma jkollhom l-ebda bażi ta' verità u li joriġinaw minn sorsi suspettużi.**

–

*Kif tikkuntattja l-OHSA: Tel 21247677, email ohsa@gov.mt, Paġna ta' Facebook 'OHSA Malta', Mobile app 'BSafe@Work', websajt tal-OHSA: www.ohsa.org.mt*

Environmentally friendly paper